

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-wirt tal-films u l-kompetittività ta' l-attivitajiet industrijali marbuta

(COM(2004) 171 final – 2004/0066 (COD))

Fis-26 ta' Marzu 2004 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond Artikolu 157 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-wirt tal-films u l-kompetittività ta' l-attivitajiet industrijali marbuta.

Is-Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjeta' ta' l-Informatika, li kienet responsabbli mit-thejjja tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fit-8 ta' Lulju 2004. Ir-rapporteur kien **is-Sur Braghin**.

Matul is-sessjoni plenarja Nru 411 (laqgħa tal-15 ta' Settembru 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti b' 129 vot favur, 3 kontra u 6 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Id-dokument tal-Kummissjoni jinqasam f'żewġ partijiet: **komunikazzjoni** dwar l-estensjoni sat-30 ta' Ġunju 2007 tal-kriterji ta' kompatibilità speċifiċi, validi sa Ġunju 2004, dwar l-għajnuna għall-produzzjoni ċinematografika u televiżiva; u **rakkomandazzjoni** dwar il-wirt tal-films u l-kompetittività ta' l-attivitajiet industrijali marbuta.

1.2 Ir-rakkomandazzjoni tiffoka fuq l-aspetti kollha tal-wirt tal-films (ġbir, katalogar, ħolqien ta' *databases*, konservazzjoni, restorazzjoni, użu għal skopijiet edukattivi, akkademiċi, ta' riċerka u kulturali, u koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet responsabbli fuq livell Ewropew) u teżamina d-depożitu legali tax-xogħlijiet ċinematografiċi bħala mezz biex ikunu konservati u salvagwardjati il-wirt awdjoviżiv Ewropew. Il-Kumitat kien mit-lub iħejji opinjoni dwar dan id-dokument.

1.3 Ir-rakkomandazzjoni biss kienet mibgħuta lill-Kumitat għal Opinjoni. Dwar il-Komunikazzjoni, il-KESE jilqa' l-metodu adottat mill-Kummissjoni li tiddikjara li hi "lesta li tikkunsidra, mill-anqas sa l-analiżi li jmiss tal-Komunikazzjoni, li jkunu disponibbli livelli għola ta' għajnuna dejjem sakemm l-iskemi ta' għajnuna jkunu konformi mal-kundizzjonijiet ta' legalità ġenerali skond it-Trattat u b'mod partikolari, li jitnaqqsu l-ostakli fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-ħaddiema, prodotti u servizzi fl-UE". Il-KESE fi ħsiebu janalizza r-riżultati ta' l-istudju dwar l-effetti tas-sistemi preżenti ta' għajnuna statali b'mod li jevalwa l-impatt ekonomiku u kulturali u jara jekk il-mekkaniżmi preżenti humiex effettivi jew jekk hemmx b'żonn li jinsabu mekkaniżmi u strumenti differenti.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Il-KESE jaqbel mad-dikjarazzjoni li l-kundizzjonijiet għall-kompetittività ta' l-attivitajiet industrijali marbuta mal-wirt tal-films hemm b'żonn li jitjiebu, speċjalment fir-rigward ta' l-

użu ta' teknoloġiji bħad-*diġitizzazzjoni*. Il-bażi legali għar-rakkomandazzjoni, Artikolu 157 tat-Trattat tal-KE, joħroġ minn hawn.

2.1.1 Il-KESE jaqbel ma' din il-bażi legali peress li jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet ta' koperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri u biex joħloq dibattitu bejn il-pubbliku ġenerali dwar materja ta' importanza kbira.

2.1.2 Il-KESE jittama wkoll li l-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata ta' l-informazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri kull sentejn dwar id-dispożizzjonijiet adottati bħala risposta għar-rakkomandazzjoni preżenti, u li tanalizza liema miżuri, inklużi dawk leġislattivi, għandhom l-akbar ċans li jiksbu l-koperazzjoni u koordinazzjoni meħtieġa biex jassiguraw li l-wirt awdjoviżiv ikun imħares b'mod effettiv u jirrealizza l-potenzjal ekonomiku tiegħu.

2.2 Il-KESE jaqbel li t-trasferiment tal-pussess tax-xogħlijiet ċinematografiċi lil aġenziji ta' arkivji ma jimplikax it-trasferiment tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet marbuta. Madankollu, skond it-termini tad-Direttiva 2001/29/KE⁽¹⁾, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitu f'rispett ta' atti speċifiċi ta' riproduzzjoni magħmula minn libreriġi aċċessibbli pubblikament jew minn arkivji li m'għandhomx vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali indirett. Il-KESE jappoġġa wkoll ir-rakkomandazzjoni li tippermetti r-riproduzzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi li kienu depożitati għall-iskop ta' restawr (rakkomandazzjoni nru. 9).

2.3 L-aspetti legali li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur u atti speċifiċi ta' riproduzzjoni magħmula minn liberiji jew arkivji aċċessibbli pubblikament, kif ukoll riproduzzjoni għal skop ta' restawr għandhom ikunu indirizzati u solvuti malajr. Il-KESE jissuġġerixxi li mandat espliċitu dwar dan jingħata lill-grupp ta' livell għoli ta' esperti, possibbilment billi jsiru t-tibdiliet meħtieġa lin-network ta' esperti nazzjonali li diġà kienu konsultati.

⁽¹⁾ Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet marbuta fis-soċjeta' ta' l-informatika, f'ĠU L 167 tat-22.6.2001.

2.4 Il-KESE jixtieq li jqsar iż-żmien bejn minn meta l-films isiru disponibbli għal pubbliku u l-obbligu ta' depożitu, u l-arranġamenti biex ikun faċilitat id-depożitu ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi li ffuraw parti minn wirt awdjoviżiv nazzjonali qabel l-introduzzjoni tad-depożitu obligatorju, kif stipulat fir-rakkomandazzjoni.

2.5 Il-KESE jemmen li x-xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi huma fl-istess ħin prodotti industrijali u kulturali li għandhom jitħarsu bħala parti mill-wirt kulturali ta' kulħadd, u promossi bħala fattur li jagħti kontribut lejn il-pluraliżmu u li l-potenzjal ekonomiku tagħhom għandu jkollha. Bħala konsegwenza, ċerti tipi ta' programmi televiżivi minn xandara nazzjonali huma suġġetti għall-depożitu obligatorju mhux volontarju, għaliex huma jirriflettu n-natura fluwida u dinamika tal-ħajja soċjali u kulturali preżenti iktar malajr mix-xogħlijiet ċinematografiċi. Għalkemm il-KESE hu konxju li x-xandara ma kienx favur l-idea ta' depożitu obligatorju, hu jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tistudja t-tema aktar mill-qrib b'mod li tanalizza jekk dawk il-programmi televiżivi ta' l-akbar importanza soċjo-kulturali għandhomx ikunu suġġetti għal depożitu fuq bażi li huma jiffuraw parti mill-wirt kulturali awdjoviżiv.

2.6 Il-KESE jaqbel ma' l-opinjoni li l-industrija ċinematografika għandha potenzjal għoli għal ħolqien tax-xogħol, inkluż il-qasam tal-ħarsien tal-wirt ċinematografiku. Dan japplika anke għas-settur awdjoviżiv aktar wiesa', b'kunsiderazzjoni tal-firxa wiesa' ta' media u mezzi ta' xandir u l-effett potenzjalment enormi provdut mit-teknoloġija diġitali. Għalhekk hu jittama li kull tip ta' appoġġ ikun estiż għax-xogħlijiet awdjoviżivi kollha, b'enfasi partikolari fuq il-kompetittività tas-settur fil-forom kollha tiegħu, u li l-possibilitajiet ta' taħriġ ma jkunux restritti jew jiffukaw fuq is-settur tal-film iżda jkopru s-settur awdjoviżiv fid-definizzjoni l-aktar wiesa' tiegħu.

2.7 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-bżonn ta' depożitu volontarju ta' materjal anċillari u ta' reklamar, materjal ta' immaġini li tiċċaqtaq u xogħol ċinematografiku tal-passat għaliex dan jagħti kontribut sinifikanti għal wirt awdjoviżiv Ewropew. Dan jenfasizza l-bżonn li jkun maħluq inċentivi għall-ġbir ta' dan ix-xogħol u biex l-organi rilevanti jingħataw il-fondi meħtieġa biex jibnu, kemm jista' jkun malajr, ġabra ta' materjal sistematiku li jkun xhieda tal-ġid ta' l-identitajiet kulturali fl-Ewropa u tad-diversità tal-popli tagħha.

3. Konklużjonijiet

3.1 Il-KESE hu konvint li jekk l-għanijiet ewlenin għandhom jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tiegħu immedjatement rwol pro-attiv li jkun konformi ma' l-intenzjonijiet kif espressi fid-dokument tagħha, u aktar speċifikament:

- tiddefinixxi proċeduri ta' depożitu li jippermettu lis-sistemi nazzjonali biex ikunu konnessi u interoperabbli, u tippromwovi standardizzazzjoni Ewropea tal-katalogar;
- tipprovdi pre-kondizzjonijiet tekniċi u legali għal depożiti elettroniċi adegwatament siguri li jistgħu jkun aġġornati fil-ħin reali u li jistgħu, fil-futur, iwasslu għall-*database* "Ewropea";
- tipproponi kuntratt Ewropew standard bejn organi maħtura, depożitaturi, u possibilmement dawk li għandhom id-drittijiet ta' l-awtur, b'osservazzjoni tad-Direttiva 2001/29/EKE, tiffaċilita x-xogħol ta' restawr u d-disponibilità sussegwenti tagħhom għal skopijiet ta' riċerka u tagħlim;
- tiddefinixxi kriterji biex ix-xogħlijiet depożitati jkun disponibbli għall-pubbliku, b'koperazzjoni ma' l-organi rilevanti;
- torganizza l-koperazzjoni bejn organi nazzjonali u/jew nazzjonali, partikolarment permezz ta' strutturi u finanzjament speċifiku, jekk meħtieġ;
- tappoġġa l-ħolqien ta' *benchmarks* ta' prattika tajba u tosserva l-progress permezz tar-rapporti pplanati.

3.2 Il-KESE jikkunsidra wkoll li l-Kummissjoni, filwaqt li tosserva l-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandha tilgħab rwol importanti fl-ġoti ta' appoġġ lis-settur permezz ta' riżorsi finanzjarji u umani b'mod li jintlaħqu dawn l-għanijiet:

- kumpilazzjoni ta' filmografija awdjoviżiva Ewropea u produzzjoni konġunta ta' proġetti edukattivi u ta' riċerka, minħabba li koperazzjoni volontarja diffiċilmement tipproduċi riżultati sodisfaċenti minħabba r-riżorsi u tradizzjonijiet kulturali tant differenti fost il-25 Stat Membru;
- id-depożiti għandhom jinkludu xogħlijiet tal-passat mill-Istati Membri l-ġodda, li jipproduċu bosta films li jagħtu rendikont ta' l-istorja, kultura u drawwiet tagħhom iżda li jistgħu jintilfu, minħabba li dawn għandhom biss ftit riżorsi finanzjarji għal dan l-għan.

- it-twaqqif ta' struttura li tamministra l-fondi disponibbli għal entitajiet nazzjonali u/jew reġjonali, thegħġegħ id-distribuzzjoni madwar l-Ewropa u d-dinja permezz ta' l-aktar metodi ta' multimedia aġġornati (eż DVDs b'materjal mill-arkivji b'sottotitoli f'diversi lingwi Ewropej, li potenzjalment jistgħu jwasslu għall-profitt minn xogħlijiet passati), speċjalment għal xogħlijiet marbuta ma' temi jew *policies* Komunitarji (bħall-ħarsien tat-tfal jew l-immaġini tan-nisa), jew tradizzjonijiet partikolari (films animati, films tat-tfal jew dokumentarji);
- ġbir ta' xogħlijiet preżentati waqt festivals b'temi reġjonali jew lokali, b'mod li tkun promossa l-produzzjoni indipendenti minn diretturi li mhumiex parti mill-*mainstream* kummerċjali, permezz ta' depożitu obbligatorju fejn meħtieġ;
- taħriġ fil-konservazzjoni u r-restawr, li jeħtieġu livell għoli ta' professjonaliżmu u użu ta' teknika, l-appoġġ ta' dan it-taħ-

riġ b'fondi Komunitarji adegwati, idealment taħt it-Taħriġ MEDIA, li bħalissa qed jiġi mġedded.

3.3 Il-KESE jittama wkoll li d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-programm ta' taħriġ ġdid MEDIA jikkunsidra aktar it-taħriġ fit-teknoloġiji l-ġodda u l-ħtiġijiet il-ġodda li joħorġu mill-ġbir, katalogar, konservazzjoni u restawr ta' films u xogħlijiet televiżvi u ta' materjal ta' immaġini li jiċċaqalqu b'mod ġenerali. Partikolarment, għandu jkun hemm espansjoni tat-taħriġ fl-użu u għarfien dwar metodi ġodda ta' arkivjar, immaniġġjar ta' *databases* u metodi ta' standardizzazzjoni biex ikunu miżmuma xogħlijiet f'formatt diġitali ta' l-għola kwalità, b'korsijiet ta' aġġornament għall-operaturi biex ir-riżultati jkun jistgħu jiggawdew minn pubbliku aktar wiesa', speċjalment studenti u għalliema.

Brussel, 15 ta' Settembru 2004.

Il-Presidente

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH